# Santa Rita 50 Sena f'Birkirkara 1965 - 2015

Sandro Galan

Resqin lejn sena ta' anniversarji importanti marbuta ma' waħda mill-aktar kappelli attivi fil-parroċċa Elenjana.



Qed nirreferu għall-knisja ta' Santu Rokku li tagħha is-sur John Tonna ilu aktar minn 50 sena kuratur. Din il-knisja filjali tgħaqqad żewġ toroq pjuttost twal ġo Birkirkara, ezattament Triq San Giljan ma' Triq Santu Rokku. Kienet inbniet fis-seklu 15 u ġiet ddedikata lil Santu Rokku protettur tal-marda qerrieda tal-pesta. Bħala kwadru titulari nsibu l-Madonna tal-Grazzja, flimkien ma' S.Rokku u S.Bastjan. Biss fuq inizjattiva ta' Johnny kif isibuh in-nies, fl-1965 twieldet devozzjoni ġdida lejn qaddisa kbira; Santa Rita ta' Cascia. Fil-fatt inġiebet statwa ħelwa minn Spanja ta' din il qaddisa grazzi għall-benefattur Karkariż is-sur Pawlu Micallef li ħallas għaliha. Id-devozzjoni lejn din il-qaddisa kibret qatigħ minn sena għal sena. Jixhdu dan il-folol kbar li jattendu l-pellegrinaġġ tagħha li ilu jsir għal 49 sena sħaħ. Is-sena li ġejja se tkun il ġublew taddeheb għal din l-istatwa mirakoluża u minbarra il-festi speċjali li jsiru f'gieħ il qaddisa fit-22 ta Mejju, se jitfakkar ukoll l-avveniment propju f'għeluq il 50 sena, il-Ħadd 28 ta' Ġunju 2015.

